Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT (KE) Nru 1008/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' l-24 ta' Settembru 2008

dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018	L 212	1	22.8.2018
►M2	Regolament (UE) 2019/2 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018	L 11	1	14.1.2019
►M3	Regolament (UE) 2020/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020	L 165	1	27.5.2020

▼B

REGOLAMENT (KE) Nru 1008/2008 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' l-24 ta' Settembru 2008

dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

▼M3

1. Dan ir-Regolament jirregola l-liċenzjar tat-trasportaturi tal-ajru Komunitarji, id-dritt tat-trasportaturi tal-ajru Komunitarji li joperaw servizzi tal-ajru intra-Komunitarji, u l-ipprezzar tas-servizzi tal-ajru intra-Komunitarji. Jistabbilixxi wkoll regoli temporanji dwar il-forniment tas-servizzi tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Unjoni.

▼B

2. L-applikazzjoni tal-Kapitolu III ta' dan ir-Regolament għall-ajruport ta' Ġibiltà hu mifhum li hu mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet legali rispettivi tar-Renju ta' Spanja u r-Renju Unit għar-rigward tal-kwistjoni dwar is-sovranità fuq it-territorju li fih jinstab l-ajruport.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

1) “liċenzja operattiva” tfisser awtorizzazzjoni mogħtija mill-awtorità kompetenti tal-liċenzji lil xi impriża, li jippermettilha li tipprovdi servizzi ta' l-ajru kif indikat fil-liċenzja operattiva;

2) “awtorità kompetenti tal-liċenzji” tfisser awtorità ta' Stat Membru, intitolata li tagħti, tirrifjuta, tirrevoka jew tissospendi liċenzja operattiva skond il-Kapitolu II;

3) “impriża” tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika, kemm jekk topera għall-qligħ kif ukoll jekk le, jew kull korp uffiċjali kemm jekk ikollu personalità ġuridika kif ukoll jekk ma jkollux;

4) “servizz ta' l-ajru” tfisser titjira jew serje ta' titjiriet li jġorru passiġġieri, tagħbija u/jew posta bi ħlas u/jew b'kiri;

5) “titjira” tfisser tluq minn ajruport speċifikat lejn ajruport speċifiku tad-destinazzjoni;

6) “titjira lokali” tfisser titjira li ma tinvolvix ġarr ta' passiġġieri, posta u/jew merkanzija bejn ajruporti differenti jew punti ta' nżul awtorizzati oħrajn;

7) “ajruport” tfisser kwalunkwe żona fi Stat Membru li tkun speċjalment adattata għal servizzi ta' l-ajru;

▼B

8) “ċertifikat ta' operatur ta' l-ajru (ĊOA)” tfisser ċertifikat mogħti lil impriża li jikkonferma li l-operatur għandu l-abbiltà professjonali u organizzattiva biex jiżgura s-sikurezza ta' operazzjonijiet speċifikati fiċ-ċertifikat, kif previst fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi Komunitarja jew tal-liġi nazzjonali, skond kif applikabli;

9) “kontroll effettiv” tfisser relazzjoni kostitwita permezz ta' jeddijiet, kuntratti jew kull mezz ieħor li, jew separatament jew konġuntament u b'kont meħud tal-konsiderazzjonijiet ta' fatt jew liġi involuta, jagħtu l-possibbiltà li direttament jew indirettament tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq xi impriża, b'mod partikolari permezz ta':

   (a) id-dritt li jintużaw l-assi kollha jew parti minnhom ta' impriża;

   (b) jeddijiet jew kuntratti li jagħtu influwenza deċiżiva fuq il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjonijiet tal-korpi ta' xi impriża jew b'xi mod ieħor jinfluwenzaw b'mod deċiżiv it-tmexxija ta' l-operat kummerċjali ta' l-impriża.

10) “trasportatur ta' l-ajru” tfisser impriża b'liċenzja operattiva valida jew l-ekwivalenti;

11) “trasportatur ta' l-ajru Komunitarju” tfisser trasportatur ta' l-ajru li jkollu liċenzja operattiva valida maħruġa minn awtorità kompetenti tal-liċenzji skond il-Kapitolu II;

12) “pjan azjendali” tfisser kull deskrizzjoni dettaljata ta' l-attivitajiet kummerċjali maħsuba mit-trasportatur ta' l-ajru għall-perijodu in kwistjoni, b'mod partikolari għar-rigward ta' l-iżvilupp tas-suq mistenni u l-investimenti li għandhom isiru, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji u ekonomiċi ta' dawn l-attivitajiet;

13) “servizz bl-ajru intra-Komunitarju” tfisser servizz bl-ajru operat fi ħdan il-Komunità;

14) “dritt tat-traffiku” tfisser id-dritt ta' operazzjoni ta' servizz ta' l-ajru bejn żewġ ajruporti Komunitarji;

15) “bejgħ ta' postijiet biss” tfisser il-bejgħ ta' postijiet, mingħajr xi servizz ieħor marbut miegħu, bħal ma hi l-akkomodazzjoni, direttament lill-pubbliku mit-trasportatur ta' l-ajru jew mill-aġent awtorizzat tiegħu jew minn *charterer*;

16) “servizz bl-ajru skedat” tfisser serje ta' titjiriet li kull waħda minnhom ikollha l-karatteristiċi kollha li ġejjin:

   (a) f'kull titjira l-postijiet u/jew il-kapaċita’ ta' trasport ta' merkanzija u/jew posta jkunu disponibbli għal bejgħ individwalment lill-membri tal-pubbliku (kemm jekk direttament mit-trasportatur ta' l-ajru kif ukoll jekk mill-aġenti awtorizzati tiegħu);

   (b) tkun operata biex isservi t-traffiku bejn l-istess żewġ ajruporti jew aktar:

      — skond skeda pubblikata; jew

      — b'titjiriet li jkunu tant regolari jew frekwenti li jikkostitwixxu serje rikonoxxibbilment sistematika.

17) “kapaċita” tfisser in-numru ta' postijiet jew il-payload offruti lill-pubbliku in ġenerali fuq servizz ta' l-ajru skedat matul perijodu partikolari;

▼B

18) “nollijiet ta' l-ajru” tfisser il-prezzijiet espressi f'euro jew f'muniti lokali li jkollhom jitħallsu lit-trasportaturi ta' l-ajru jew lill-aġenti tagħhom jew lil bejjiegħa oħra tal-biljetti għat-trasport ta' passiġġieri fuq servizzi ta' l-ajru u kwalunkwe kondizzjonijiet li taħthom japplikaw dawk il-prezzijiet, inklużi r-remunerazzjoni u l-kondizzjonijiet offruti lill-aġenzija u lil servizzi awżiljarji oħra;

19) “rati ta' l-ajru” tfisser il-prezzijiet espressi f'euro jew f'muniti lokali li jkollhom jitħallsu għat-trasport ta' merkanzija u l-kondizzjonijiet li taħthom japplikaw dawk il-prezzijiet, inklużi r-remunerazzjoni u l-kondizzjonijiet offruti lill-aġenzija u lil servizzi awżiljarji oħra;

20) “Stati Membri konċernati” tfisser l-Istati Membri li bejnhom, jew l-Istat Membru li fih, ikun operat servizz ta' l-ajru;

21) “Stati Membri involuti” tfisser l-Istati Membrui konċernati u l-Istati Membri li fihom it-trasportaturi ta' l-ajru li joperaw is-servizz ta' l-ajru jkunu liċenzjati;

22) “konurbazzjoni” tfisser żona urbana magħmula minn għadd ta' bliet li, minħabba l-iżvilupp u l-espansjoni tal-popolazzjonijiet tagħhom, ingħaqdu fiżikament sabiex jifformaw żona mibnija kontinwa;

23) “kont amministrattiv” tfisser kull dikjarazzjoni dettaljata ta' dħul u nfiq ta' trasportatur ta' l-ajru għall-perijodu inkwistjoni inkluż rendikont dettaljat bejn attivitajiet li jkunu relatati ma' trasport bl-ajru u attivitajiet oħra kif ukoll bejn elementi pekunjarji u mhux pekunjarji;

24) “ftehim tal-kiri mingħajr ekwipaġġ” tfisser ftehim bejn impriżi li permezz tiegħu l-inġenju ta' l-ajru jiġi operat taħt iċ-ĊOA tal-kerrej;

25) “ftehim tal-kiri bl-ekwipaġġ” tfisser ftehim bejn trasportaturi ta' l-ajru li permezz tiegħu l-inġenju ta' l-ajru jiġi operat taħt iċ-ĊOA tal-lokatur;

26) “post prinċipali tan-negozju” tfisser l-uffiċċju prinċipali jew l-uffiċċju reġistrat ta' trasportatur ta' l-ajru Komunitarju fl-Istat Membru li fih jiġu eżerċitat l-funzjonijiet finanzjarji prinċipali u l-kontroll operattiv, inkluża l-ġestjoni kontinwa ta' airworthiness, tat-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju.

KAPITOLU II

LIĊENZJA OPERATTIVA

Artikolu 3

Liċenzja operattiva

1. L-ebda impriża stabbilita fil-Komunità m'għandha titħalla ġġorr bl-ajru passiġġieri, posta u/jew merkanzija għal remunerazzjoni u/jew kiri sakemm hi ma tingħatax l-liċenzja operattiva xierqa.

Kull impriża li tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu għandha tkun intitolata li tirċievi liċenzja operattiva.

▼B

2. L-awtorità kompetenti tal-liċenzji m'għandhiex tagħti liċenzji operattivi jew tħallihom fis-seħħ fejn kwalunkwe mir-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu ma jkunx osservat.

3. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra applikabbli tal-liġi Komunitarja, nazzjonali jew internazzjonali, il-kategorji li ġejjin ta' servizzi ta' l-ajru m'għandhomx ikunu suġġetti għar-rekwiżit ta' liċenzja operattiva valida:

(a) servizzi ta' l-ajru mwettqa minn inġenji ta' l-ajru li ma jkunux power driven u/jew inġenji ta' l-ajru ultralight power driven, u

(b) titjiriet lokali

Artikolu 4

Kondizzjonijiet għall-għoti ta' liċenzja operattiva

Impriża għandha tingħata liċenzja operattiva minn awtorità kompetenti tal-liċenzji ta' Stat Membru sakemm:

(a) is-sede ewlenija tan-negozju tagħha tkun f'dak l-Istat Membru;

▼M1

(b) ikollha ĊOA validu maħruġ f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jew minn awtorità nazzjonali ta' Stat Membru, jew minn diversi awtoritajiet nazzjonali ta' Stati Membri li jaġixxu b'mod konġunt f'konformità mal-Artikolu 62(5) ta' dak ir-Regolament jew mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni;

▼B

(ċ) ikollha inġenju ta' l-ajru wieħed jew aktar għad-dispożizzjoni tagħha bħala proprjetà tagħha jew permezz ta' ftehim tal-kiri mingħajr ekwipaġġ;

(d) ix-xogħol prinċipali tagħha jkun l-operat ta' servizzi ta' l-ajru waħidhom jew ikkombinati ma' kwalunkwe operat kummerċjali ieħor ta' inġenji ta' l-ajru jew it-tiswija u l-manutenzjoni ta' inġenji ta' l-ajru;

(e) l-istruttura tal-kumpannija tkun tippermetti lill-awtorità kompetenti tal-liċenzji li timplimenta d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu;

(f) Stati Membri u/jew ċittadini ta' Stati Membri ikollhom id-dritt ta' proprjetà fuq aktar minn 50 % ta' l-impriża u effettivament jikkontrollawha, sew direttament jew indirettament permezz ta' impriza intermedja waħda jew aktar, ħlief kif previst fi ftehim ma' pajjiż terz li għalih il-Komunità tkun parti,

(g) tissodisfa l-kondizzjonijiet finanzjarji speċifikati fl-Artikolu 5.

(h) tikkonforma mal-kondizzjonijiet ta' l-assigurazzjoni speċifikati fl-Artikolu 11 u fir-Regolament (KE) 785/2004; u

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1).

▼B

(i) tikkonforma mad-dispożizzjonijiet dwar ir-reputazzjoni tajba kif speċifikat fl-Artikolu 7

Artikolu 5

Il-kondizzjonijiet finanzjarji għall-għoti ta' liċenzja operattiva

1. L-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandha tivvaluta akkuratament jekk impriża li qiegħda tapplika għall-ewwel darba għal-liċenzja operattiva tistax turi li:

(a) hija tkun tista' tonora f'kull ħin l-obbligi tagħha attwali jew potenzjali, stabbiliti taħt suppożizzjonijiet realistiċi, għal perijodu ta' 24 xahar mill-bidu ta' l-operat; u

(b) hija tkun tista' tkopri l-ispejjeż tagħha kemm dawk fissi u dawk operattivi li jirriżultaw minn operazzjonijiet b' mod konformi malpjan azjendali tagħha u stabbiliti taħt suppożizzjonijiet realistiċi, għal perijodu ta' tliet xhur mill-bidu ta' l-operat, mingħajr ma jitqies kwalunkwe dħul mill-operat tagħha.

2. Għall-finijiet tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, kull applikant għandu jippreżenta pjan azjendali għal, mill-inqas, l-ewwel tliet snin ta' operazzjoni. Il-pjan azjendali għandu wkoll jagħti dettalji dwar ir-rabtiet fiananzjarji ta' l-applikant ma' kwalunkwe attività kummerċjali oħra li l-applikant ikun jagħmel jew direttament jew permezz ta' impriżi relatati. L-applikant għandu wkoll jipprovdi kull informazzjoni rilevanti, b'mod partikolari d-data msemmija fil-punt 1 ta' l-Anness I.

3. Il-Paragrafi 1 u 2 ma japplikawx għal impriża li tkun qed tapplika għal liċenzja operattiva maħsuba biex tkopri operat b'inġenji ta' l-ajru ta' anqas minn 10 tunnellati metriċi ta' Maximum Take Off Mass (MTOM) u/jew anqas minn 20 post. Dawn l-impriżi għandhom juru li l-kapital nett tagħhom ikun mill-inqas EUR 100 000 jew jagħtu, meta mitluba mill-awtorità kompetenti tal-liċenzji, l-informazzjoni rilevanti kollha għall-finijiet tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari d-data msemmija fil-punt 1 ta' l-Anness I.

L-awtorita' kompetenti tal-liċenzji tista' minkejja dan tapplika l-paragrafi 1 u 2 għal impriża li tapplika għal liċenzja operattiva taħt iddispożizzjonijiet tas-subparagrafu ta' qabel li jkollha l-ħsieb li topera servizzi skedati bl-ajru skedati jew li l-fatturat tagħha jeċċedi EUR 3 miljun kull sena.

▼M1

Artikolu 6

Iċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru

1. L-għoti u l-validità ta' liċenzja tal-operazzjoni għandhom jiddependu mill-pussess ta' ĊOA validu li jispeċifika l-attivitajiet koperti minn dik il-liċenzja operattiva.

2. Kwalunkwe modifika fiċ-ĊOA ta' trasportatur tal-ajru Komunitarju għandha tkun riflessa, fejn xieraq, fil-liċenzja operattiva tiegħu.

L-awtorità kompetenti għaċ-ĊOA għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-liċenzji malajr kemm jista' jkun bi kwalunkwe bidla proposta rilevanti fiċ-ĊOA.

3. L-awtorità kompetenti għaċ-ĊOA u l-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandhom jaqblu dwar miżuri għal skambju proattiv ta' informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni u ż-żamma taċ-ĊOA u tal-liċenzja operattiva.

▼M1

Dak l-iskambju jista' jinkludi, mingħajr ma jkun limitat għal, informazzjoni marbuta mal-arranġamenti finanzjarji, organizzattivi u dwar issjieda tat-trasportatur tal-ajru Komunitarju li jistgħu jaffettwaw is-sikurezza jew is-solvenza tal-operazzjonijiet tagħha jew li jistgħu jassistu lill-awtorità kompetenti għaċ-ĊOA fit-twettiq tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħha relatati mas-sikurezza. Meta l-informazzjoni tingħata b'mod kunfidenzjali, għandhom jiġu stabbiliti miżuri biex jiġi żgurat li l-informazzjoni tiġi protetta b'mod adegwat.

3a. Fejn x'aktarx li tkun meħtieġa azzjoni ta' infurzar, l-awtorità kompetenti għaċ-ĊOA u l-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandhom jikkonsultaw lil xulxin mill-aktar fis possibbli qabel ma jieħdu tali azzjoni, u jaħdmu flimkien sabiex isolvu l-kwistjonijiet qabel ma tittieħed azzjoni. Fejn tittieħed azzjoni, l-awtorità kompetenti għaċ-ĊOA u l-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandhom jinnotifikaw lil xulxin mill-aktar fis possibbli dwar it-teħid tal-azzjoni.

▼B

Artikolu 7

Prova ta' reputazzjoni tajba

1. Fejn, għall-finijiet tal-ħruġ ta' liċenzja operattiva, tkun meħtieġa prova li l-persuni li kontinwament jew effettivament jimmaniġġaw l-operat ta' l-impriża huma ta' reputazzjoni tajba jew li ma ġewx dikjarati falluti, l-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandha taċċetta bħala prova suffiċjenti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri t-turija ta' dokumenti maħruġa minn awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru fejn il-persuna ikollha r-residenza permanenti tagħha li juru li dawk ir-rekwiżiti huma sodisfatti.

2. Fejn l-Istat Membru ta' oriġini jew ta' l-Istat Membru li fih il-persuna jkollha r-residenza permanenti tagħha ma joħorġux id-dokumenti li għalihom saret referenza fil-paragrafu 1, dawn id-dokumenti għandhom jiġu sostitwiti b'dikjarazzjoni ġuramentata, jew – fi Stati Membri fejn ma jkunx hemm dispożizzjoni għal dikjarazzjoni ġuramentata – b'dikjarazzjoni solenni magħmula mill-persuna interessata quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva jew, fejn ikun il-każ, quddiem nutar jew korp professjonali kwalifikat ta' l-Istat Membru ta' oriġini jew l-Istat Membru li fih il-persuna jkollha r-residenza permanenti tagħha.Tali awtorità, nutar jew korp professjonali kkwalifikat għandhom joħorġu ċertifikat li jixhed l-awtentiċità tad-dikjarazzjoni fuq ġurament jew tad-dikjarazzjoni solenni.

3. L-awtorità kompetenti tal-liċenzji tista' tesiġi li d-dokumenti u ċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jiġu preżentati sa mhux aktar minn tliet xhur wara d-data tal-ħruġ tagħhom.

Artikolu 8

Il-validità ta' liċenzja operattiva

1. Liċenzja operattiva għandha tkun valida sakemm it-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.

Trasportatur ta' l-ajru Komunitarju għandu f'kull ħin ikun kapaċi li juri lill-awtorità kompetenti tal-liċenzji li huwa jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' dan il-Kapitolu.

2. L-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandha tissorvelja akkuratament il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu. Għandha f'kull każ tirrivedi l-konformità ma' dawn ir-rekwiżiti fil-każijiet li ġejjin:

▼B

(a) sentejn wara li tkun ingħatat liċenzja operattiva,

(b) meta jkun hemm suspett ta' problema potenzjali, jew

(ċ) fuq talba tal-Kummissjoni.

Fil-każ li l-awtorità kompetenti tal-liċenzji tissuspetta li l-problemi finanzjarji ta' trasportatur ta' l-ajru Komunitarju jistgħu jinċidu fuq is-sikurezza ta' l-operazzjonijiet tiegħu, għandha tgħarraf minnufih lill-awtorità kompetenti għaċ-ĊOA.

3. Il-liċenzja operattiva għandha titressaq mill-ġdid għall-approvazzjoni meta trasportatur ta' l-ajru Komunitarju:

(a) ma jkunx beda jopera fi żmien sitt xhur mill-għoti ta' liċenzja operattiva,

(b) ikun waqaf jopera għal aktar minn sitt xhur, jew

(ċ) li jkun liċenzjat abbażi ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5(3) ikollu l-ħsieb li jieħu sehem f'operazzjonijiet b'inġenji ta' l-ajru li jeċċedu l-limitu tad-daqs speċifikat fl-Artikolu 5(3) jew ma jkunx baqa' konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fih.

4. Kull trasportatur ta' l-ajru Komunitarju għandu jipprovdi, lill-awtorità kompetenti tal-liċenzji, il-kontijiet verifikati tiegħu mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-aħħar jum tas-sena finanzjarja rispettiva, ħlief jekk stipulat mod ieħor fil-liġi nazzjonali. Waqt l-ewwel sentejn ta' l-operat ta' trasportatur ta' l-ajru Komunitarju, id-data msemmija fil-punt 3 ta' l-Anness I għandha tiġi magħmula disponibbli lill-awtorità kompetenti tal-liċenzji fuq talba.

L-awtorità kompetenti tal-liċenzji tista' f'kull ħin tivvaluta r-rendiment finanzjarju ta' trasportatur ta' l-ajru Komunitarju li lilu tkun ingħatat liċenzja operattiva billi titlob għall-informazzjoni rilevanti. Bħala parti minn tali valutazzjoni, it-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju in kwistjoni għandu jaġġorna d-data msemmija fil-punt 3 ta' l-Anness I u jipprovdiha lill-awtoritajiet kompetenti tal-liċenzji fuq talba.

5. Trasportatur ta' l-ajru Komunitarju għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-liċenzji:

(a) qabel kwalunkwe operat ta' servizz ta' l-ajru ġdid għal kontinent jew reġjun tad-dinja li qabel ma kienx moqdi, jew kwalunkwe bidla sostanzjali oħra fl-iskala ta' l-attivitajiet tiegħu, inklużi, iżda mhux limitatament għalihom, bidliet fit-tip jew numru ta' inġenji ta' l-ajru wżati;

(b) qabel kwalunkwe merger jew akkwiżizzjoni maħsuba; u

(ċ) fi żmien 14-il jum b'kull bidla fir-rigward tad-dritt ta' proprjetà fuq kwalunkwe sehem ta' azzjonist wieħed li jirrappreżenta 10 % jew aktar ta' l-ishma kollha tat-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju jew tal-kumpannija parent tiegħu jew tal-kumpannija holding finali tiegħu

▼B

6. Jekk l-awtorità kompetenti tal-liċenzji tqis li l-bidliet notifikati taħt il-paragrafu 5 għandhom effett sinifikanti fuq il-finanzi tal-*trasportatur ta' l-ajru* Komunitarju, hija għandha tesiġi il-preżentazzjoni ta' pjan azjendali rivedut li jkun jinkorpora l-bidliet in kwistjoni u li jkopri, mill-inqas, perijodu ta' tnax-il xahar mid-data ta' l-implimentazzjoni tiegħu kif ukoll jinkorpora d-*data* msemmija fil-punt 2 ta' l-Anness I, flimkien ma' l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skond il-paragrafu 4.

L-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandha tieħu deċiżjoni dwar il-pjan azjendali rivedut dwar jekk it-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju jistax jissodisfa l-obbligi attwali u potenzjali tiegħu waqt dak il-perijodu ta' tnax-il xahar. Tali deċiżjoni għandha tittieħed mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tkun ingħatatilha l-informazzjoni kollha meħtieġa.

7. Għar-rigward ta' trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji liċenzjati minnha, l-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandha tiddeċiedi jekk il-liċenzja operattiva għandhiex tiġi ppreżentata mill-ġdid għall-approvazzjoni f'każ ta' bidla f'element wieħed jew iżjed li jinċidu fuq is-sitwazzjoni legali ta' trasportatur ta' l-ajru Komunitarju u, b'mod partikolari, fil-każ ta' merger jew akkwiżizzjoni.

8. Il-paragrafi 4, 5 u 6 ma japplikawx għal trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji li joperaw esklussivament b'inġenji ta' l-ajru ta' anqas minn 10 tunnellati metriċi ta' MTOM u/jew anqas minn 20 post. Dawn it-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji għandhom f'kull ħin ikunu kapaċi li juru li l-kapital nett tagħhom ikun mill-inqas EUR 100 000 jew li jagħtu, meta mitluba mill-awtorità kompetenti tal-liċenzji, l-informazzjoni rilevanti għall-finijiet tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 9(2).

L-awtorità kompetenti tal-liċenzji jista' minkejja dan kollu tapplika l-paragrafi 4, 5 u 6 għal trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji liċenzjati minnha li joperaw servizzi ta' l-ajru skedati jew li t-turnover tagħhom jeċċedi EUR 3 miljuni kull sena.

Artikolu 9

Sospensjoni u revoka ta' liċenzja operattiva

1. L-awtorità kompetenti tal-liċenzji tista' fi kwalunkwe ħin tevalwa l-prestazzjoni finanzjarja ta' trasportatur ta' l-ajru Komunitarju li hi tkun liċenzjat. Abbażi ta' l-evalwazzjoni tagħha, l-awtorita' għandha tissospendi jew tirrevoka l-liċenzja operattiva jekk ma tibqax aktar sodisfatta li dan it-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju jkun jista' jonora l-obbligi tiegħu attwali jew potenzjali għal perijodu ta' tnax-il xahar. Madankollu, l- awtorità kompetenti tal-liċenzji tista' tagħti liċenzja temporanja, li ma teċċedix tnax-il xahar, sa meta ssir riorganizzazzjoni finanzjarja ta' trasportatur ta' l-ajru Komunitarju, sakemm din il-liċenzja temporanja tirrifletti, skond il-każ, kwalunkwe bidla fiċ-ĊOA, u sakemm ikun hemm prospett realistiku ta' rikostruzzjoni finanzjarja f'dak il-perijodu ta' żmien.

▼M3

1a. Abbażi tal-evalwazzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, imwettqa mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020, l-awtorità kompetenti tal-liċenzji tista' tiddeċiedi qabel it-tmiem ta' dak il-perijodu li ma tissospendix jew ma tirrevokax il-liċenzja operattiva tat-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni bil-kundizzjoni li s-sikurezza ma tkunx f'riskju, u li jkun hemm

▼M3

prospett realistiku ta' rikostruzzjoni finanzjarja sodisfaċenti fi żmien it-12-il xahar li jmiss. Għandha tirrieżamina l-prestazzjoni ta' dan it-trasportatur tal-ajru tal-Unjoni fi tmiem il-perijodu ta' 12-il xahar u tiddeċiedi jekk il-liċenzja operattiva għandhiex tiġi sospiża jew revokata u jekk għandhiex tingħata liċenzja temporanja abbażi tal-paragrafu 1.

1b. Meta l-Kummissjoni tara, abbażi tad-data ppubblikata mill-Eurocontrol, li hija l-operatur tan-netwerk għall-funzjonijiet tan-netwerk tat-traffiku tal-arju tal-Ajru Uniku Ewropew, li t-tnaqqis fil-livell tat-traffiku tal-ajru qed jippersisti meta mqabbel mal-livell fil-perijodu korrispondenti fl-2019 u li x'aktarx ser ikompli, u tara wkoll li, abbażi tal-aħjar data xjentifika disponibbli, bħad-data miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, din is-sitwazzjoni hija r-riżultat tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25a biex temenda dan ir-Regolament billi testendi l-perijodu tal-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020 imsemmi fil-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu kif xieraq.

1c. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament is-sitwazzjoni bl-użu tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1b. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' sinteżi dwar din il-kwistjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-15 ta' Novembru 2020. Meta l-kriterji msemmijin fil-paragrafu 1b jiġu ssodisfati, il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat previst fil-paragrafu 1b malajr kemm jista' jkun.

1d. Meta, fil-każ ta' impatt fit-tul tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tat-trasport tal-ajru fl-Unjoni, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 25b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

▼B

2. Kull meta jkun hemm indikazzjonijiet ċari li jeżistu problemi finanzjarji jew meta jinbdew proċeduri ta' falliment jew proċeduri simili kontra trasportatur ta' l-ajru Komunitarju liċenzjat minnha, l-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandha mingħajr dewmien tagħmel valutazzjoni profonda tal-qagħda finanzjarja u fuq il-bażi tal-konklużjonijiet tagħha, tirrivedi l-istatus tal-liċenzja operattiva konformement ma' dan l-Artikolu f'perijodu ta' żmien ta' tliet xhur.

L-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjonijiet tagħha, li tieħu fir-rigward ta' l-istatus tal-liċenzja operattiva.

3. Meta l-kontijiet verifikati msemmija fl-Artikolu 8(4) ma jkunux ġew komunikati sa l-iskadenza indikata f'dak l-Artikolu, l-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandha titlob mingħajr dewmien żejjed lit-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju sabiex jikkomunika dawn il-kontijiet verifikati.

Jekk il-kontijiet verifikati ma jiġux komunikati fi żmien xahar, il-liċenzja operattiva tista' tiġi revokata jew sospiża.

▼B

4. L-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandha tissospendi jew tirrevoka l-liċenzja operattiva jekk it-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju konxjament jew bi traskuraġni jforni lill-awtorità kompetenti tal-liċenzji b'informazzjoni falza fuq xi punt importanti.

5. Fil-każ li ċ-ĊOA ta' trasportatur ta' l-ajru Komunitarju jiġi sospiż jew irtirat, l-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandha minnufih tissospendi jew tirrevoka l-liċenzja operattiva tat-trasportatur ta' l-ajru.

6. L-awtorità kompetenti tal-liċenzji tista' tissospendi jew tirrevoka l-liċenzja operattiva ta' trasportatur ta' l-ajru Komunitarju jekk tali trasportatur ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti dwar reputazzjoni tajba stabbiliti fl-Artikolu 7.

Artikolu 10

Deċiżjonijiet dwar liċenzji operattivi

1. L-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandha tieħu deċiżjoni dwar kull applikazzjoni kemm jista' jkun malajr, u mhux aktar tard minn tliet xhur wara li l-informazzjoni meħtieġa tkun ġiet mogħtija kollha, b'kont meħud ta' kull prova disponibbli. Din id-deċiżjoni għandha tiġi komunikata lill-applikant. Kwalunkwe rifjut għandu jindika r-raġunijiet għal dan.

2. Proċeduri għall-għoti, is-sospensjoni u r-revoka ta' liċenzja operattiva għandhom isiru pubbliċi mill-awtoritajiet kompetenti tal-liċenzji, li għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

3. Għandha tiġi ppubblikata, kull sena f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, lista ta' deċiżjonijiet, ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-liċenzji, ta' l-għoti, sospensjoni jew revoka ta' liċenzji operattivi.

Artikolu 11

Rekwiżiti ta' l-assigurazzjoni

Minkejja r-Regolament (KE) Nru 785/2004, trasportatur ta' l-ajru għandu jkollu assigurazzjoni li tkopri r-responsabbiltà f'każ ta' aċċidenti fir-rigward ta' posta.

Artikolu 12

Reġistrazzjoni

▼M1

1. Inġenju tal-ajru li jintuża minn trasportatur tal-ajru Komunitarju għandu jiġi rreġistrat, skont l-għażla tal-Istat Membru li l-awtorità kompetenti tiegħu toħroġ il-liċenzja operattiva, jew fir-reġistru nazzjonali tiegħu stess jew inkella fir-reġistru nazzjonali ta' Stat Membri ieħor. Madankollu, meta jintuża taħt ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ jew bl-ekwipaġġ skont l-Artikolu 13, dak l-inġenju tal-ajru jista' jiġi rreġistrat fir-reġistru nazzjonali jew ta' kwalunkwe Stat Membru jew inkella ta' pajjiż terz.

▼B

2. Konformement mal-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha, bla ħsara għal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, taċċetta fuq ir-reġistru nazzjonali tagħha, mingħajr il-ħlas ta' xi dritt diskriminatorju u mingħajr dewmien, inġenji ta' l-ajru li jkunu proprjetà ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra u trasferimenti minn reġistri ta' Stati Membri oħra ta' l-inġenji ta' l-ajru. M'għandu jkun applikat l-ebda ħlas ta' xi dritt għat-trasferiment ta' inġenji ta' l-ajru b'żieda mal-ħlas tad-dritt normali ta' reġistrazzjoni.

▼B

Artikolu 13

Kiri

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(ċ), trasportatur ta' l-ajru Komunitarju jista' jkollu inġenju ta' l-ajru jew aktar għad-dispożizzjoni tiegħu permezz ta' ftehim tal-kiri mingħajr ekwipaġġ jew bl-ekwipaġġ. It-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji jistgħu joperaw liberament inġenji ta' l-ajru reġistrati fil-Komunità mikrija bl-ekwipaġġ ħlief meta dan jipperikola s-sikurezza. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-implimentazzjoni ta' tali dispożizzjoni tkun raġonevoli u proporzjonata u bbażata fuq konsiderazzjonijiet ta' sikurezza.

2. Ftehim tal-kiri mingħajr ekwipaġġ li għalih trasportatur ta' l-ajru Komunitarju ikun parti jew ftehim tal-kiri bl-ekwipaġġ li taħtu t-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju ikun il-kerrej ta' l-inġenju ta' l-ajru mikri bl-ekwipaġġ għandu jkun suġġett għal approvazzjoni minn qabel skond il-liġi Komunitarja jew nazzjonali applikabbli dwar is-sikurezza ta' l-avjazzjoni.

3. Trasportatur ta' l-ajru Komunitarju li jikri bl-ekwipaġġ inġenju ta' l-ajru reġistrat f'pajjiż terz minn impriża oħra għandu jikseb minn qabel approvazzjoni għall-operat mill-awtorità kompetenti tal-liċenzji. L-awtorità kompetenti tista' tagħti approvazzjoni jekk:

(a) it-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju juri għas-sodisfazzjon ta' l-awtorità kompetenti li qed jintlaħqu l-istandards ta' sikurezza kollha ekwivalenti għal dawk imposti mill-liġi Komunitarja jew nazzjonali; u

(b) ►**M2** sakemm ma jkunx previst mod ieħor fi ftehim internazzjonali dwar il-kiri bl-ekwipaġġ iffirmat mill-Unjoni li jkun ibbażat fuq Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru li l-Unjoni hija parti għalih, u li ġie ffirmat qabel l-1 ta' Jannar 2008, tkun issodisfata waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin: ◄

(i) it-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju jiġġustifika tali kiri abbażi ta' ħtiġijiet eċċezzjonali, f'liema każ tista' tingħata approvazzjoni għal perijodu ta' mhux aktar minn seba' xhur li jista' jiġi mġedded darba għal perijodu ieħor ta' mhux aktar minn seba' xhur;

(ii) it-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju juri li l-kiri huwa meħtieġ biex jiġu sodisfatti ħtiġiet ta' kapaċità staġonali, li ma jistgħux jiġu sodisfatti b'mod raġonevoli permezz ta' kiri ta' inġenji ta' l-ajru rreġistrati fil-Komunità, f'dak il-każ l-approvazzjoni tkun tista' tiġi rinnovata; jew

(iii) it-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju juri li l-kiri huwa meħtieġ biex jintgħelbu diffikultajiet operattivi, u mhuwiex possibbli jew raġonevoli li jinkrew inġenji ta' l-ajru rreġistrati fil-Komunità, f'liema każ l-approvazzjoni għandha tkun għaż-żmien limitat strettament meħtieġa biex jintgħelbu d-diffikultajiet.

4. L-awtorità kompetenti tista' tagħmel kondizzjonijiet għall-approvazzjoni. Tali kondizzjonijiet għandhom jifformaw parti mill-ftehim tal-kiri bl-ekwipaġġ.

L-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li tagħti l-approvazzjoni jekk ma jkun hemm l-ebda reċiproċità fir-rigward ta' kiri bl-ekwipaġġ bejn l-Istat Membru konċernat jew il-Komunità u l-pajjiż terz fejn l-inġenju ta' l-ajru mikri bl-ekwipaġġ ikun reġistrat.

L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Istati Membri konċernati dwar approvazzjoni li hi tkun tat għall-kiri bl-ekwipaġġ ta' inġenju ta' l-ajru reġistrat f'pajjiż terz.

▼B

Artikolu 14

Dritt għal smigħ

L-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandha tiżgura li, meta tadotta deċiżjoni biex tissospendi jew tirrevoka l-liċenzja operattiva ta' trasportatur ta' l-ajru Komunitarju, it-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju konċernat jingħata l-opportunità li jinstema', waqt li titqies il-ħtieġa, f'xi każijiet, għal proċedura ta' urġenza.

KAPITOLU III

AĊĊESS GĦAR-ROTOT

Artikolu 15

Għoti ta' servizzi intra-Komunitarji

1. It-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji għandhom ikunu intitolati joperaw servizzi ta' l-arju intra-Komunitarji.

2. L-Istati Membri m'għandhomx jissuġġettaw l-operat ta' servizzi ta' l-arju intra-Komunitarji minn trasportatur ta' l-ajru Komunitarju għal permess jew awtorizzazzjoni. L-Istati Membri m'għandhomx jesiġu li trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji jipprovdu dokumenti jew informazzjoni li jkunu diġa pprovdew lill-awtorità kompetenti tal-liċenzji, sakemm l-informazzjoni rilevanti tista' tinkiseb mill-awtorità kompetenti tal-liċenzji fiż-żmien dovut.

3. Jekk il-Kummissjoni, abbażi ta' l-informazzjoni miksuba taħt l-Arikolu 26(2), issib li l-liċenzja operattiva mogħtija lil trasportatur ta' l-ajru Komunitarju ma tkunx f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandha tgħaddi l-konklużjonijiet tagħha lill-awtorità kompetenti tal-liċenzji li għandha tibgħat il-kummenti tagħha lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum tax-xogħol.

Jekk il-Kummissjoni, wara li teżamina l-kummenti ta' l-awtorità kompetenti tal-liċenzji, tkun tal-fehma li l-liċenzja operattiva mhijiex konformi, jew jekk ma jiġu riċevuti l-ebda kummenti mill-awtorità kompetenti tal-liċenzji hija għandha, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2), tieħu deċiżjoni biex titlob lill-awtorità kompetenti tal-liċenzji biex tieħu l-miżuri korrettivi adatti jew biex tissospendi jew tirrevoka l-liċenzja operattiva.

Id-deċiżjoni għandha tistabbilixxi d-data sa meta l-miżuri korrettivi jew l-azzjonijiet mill-awtorità kompetenti tal-liċenzji għandhom jiġu implimentati. Jekk il-miżuri korrettivi jew l-azzjonijiet ikunu għadhom ma ġewx implimentati sa dik id-data t-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju m'għandux ikun intitolat jeżerċita d-drittijiet tiegħu taħt il-paragrafu 1.

It-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju jista' jerġa' jibda jeżerċita d-drittijiet tiegħu taħt il-paragrafu 1 man-notifika lill-Kummissjoni mill-awtorità kompetenti tal-liċenzji li l-miżuri korrettivi ġew implimentati u li l-awtorità kompetenti tal-liċenzji vverifikat l-implimentazzjoni.

▼B

4. Meta jkun qed jopera servizzi ta' l-ajru intra-Komunitarji, it-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju għandu jitħalla jikkombina s-servizzi ta' l-ajru u jidħol f'arranġamenti ta' code-sharing, bla ħsara għar-regoli tal-kompetizzjoni Komunitarji applikabbli għall-impriżi.

Kull restrizzjoni fuq il-libertà tat-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji għall-**operat** ta' servizzi ta' l-ajru intra-Komunitarji li joħorġu minn kwalunkwe ftehim bilaterali bejn l-Istati Membri hija b'dan imħassra.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim bilaterali bejn l-Istati Membri, u suġġett għar-regoli Komunitarji tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi, it-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji għandhom jitħallew mill-Istati Membri konċernati jikkombinaw servizzi ta' l-ajru u jidħlu f'arranġamenti ta' code-sharing ma kwalunkwe trasportatur ta' l-ajru fuq servizzi ta' l-ajru lejn, minn jew via kwalunkwe ajruport fuq it-territorju tagħhom minn jew lejn kwalunkwe punt f'pajjiżi terzi

Stat Membru jista', fil-qafas tal-ftehim bilaterali dwar servizzi bl-ajru mal-pajjiż terz konċernat, jimponi restrizzjonijiet fuq arranġamenti ta' code-sharing bejn trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji u trasportaturi ta' l-ajru ta' pajjiż terz, partikolarment jekk il-pajjiż terz konċernat ma jippermettix opportunitajiet kummerċjali simili lil trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji li joperaw mill-Istat Membru konċernat. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-restrizzjonijiet imposti b'tali ftehim ma jirrestrinġux il-kompetizzjoni u jkunu non-diskriminatorji bejn it-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji u ma jkunux aktar restrittivi milli jkun meħtieġ.

Artikolu 16

Prinċipji ġenerali għall-obbligi ta' servizz pubbliku

1. Stat Membru, wara konsultazzjonijiet ma' l-Istati Membri l-oħra konċernati u wara li jkun informa lill-Kummissjoni, lill-ajruporti konċernati u lit-trasportaturi ta' l-ajru li joperaw fuq ir-rotta, jista' jimponi obbligu ta' servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi ta' l-ajru skedati bejn ajruport fil-Komunità u ajruport li jservi reġjun periferiku jew ta' żvilupp fit-territorju tiegħu jew fuq rotta b'densità ta' traffiku baxxa lejn kwalunkwe ajruport fit-territorju tiegħu meta dik ir-rotta tkun meqjusa vitali għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjun li l-ajruport iservi. Dik l-obligazzjoni tista' biss tiġi imposta sal-limitu meħtieġ biex ikun żgurat fuq dik ir-rotta l-għoti minimu ta' servizzi ta' l-ajru skedati li jkunu jissodisfaw l-istandards stabbiliti ta' kontinwità, regolarità, prezz jew kapaċità minima, li t-trasportaturi ta' l-ajru ma jassumux kieku jqisu biss l-interess kummerċjali tagħhom.

L-istandards fissi imposti fuq ir-rotta suġġetta għal dak l-obbligu ta' servizz pubbliku għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju.

2. Fil-każi meta forom oħra ta' trasport ma jistgħux jiżguraw servizz mhux interrott b'mill-inqas żewġ frekwenzi kuljum, l-Istati Membri konċernati jistgħu jinkludu fl-obbligu ta' servizz pubbliku r-rekwiżit li

▼B

kull trasportatur ta' l-ajru Komunitarju li jkollu l-ħsieb li jopera r-rotta jagħti garanzija li jopera r-rotta għal ċertu perijodu, li għandu jkun speċifikat, skond it-termini l-oħra ta' l-obbligu ta' servizz pubbliku.

3. Il-ħtieġa u l-adekwatezza ta' obbligu ta' servizz pubbliku li jkun qed jiġi kkunsidrat għandhom jiġu evalwati mill-Istati Membri filwaqt li jitqiesu:

(a) il-proporzjonalità bejn l-obbligu li jkun qed jiġi kkunsidrat u l-ħtiġijiet ta' żvilupp ekonomiku tar-reġjunkonċernat;

(b) il-possibbiltà, li jkun hemm aċċess għal mezzi oħra tat-trasport u kapaċità ta' dawk il-mezzi li jissodisfaw l-ħtiġijiet tat-trasport li jkunu qed jiġu kkunsidrati, partikolarment meta servizzi eżistenti tal-ferrovija jservu r-rotta li tkun qed tiġi kkunsidrata b'ħin ta' l-ivvjaġġar ta' inqas minn tliet sigħat u bi frekwenzi, konnessjonijiet suffiċjenti u ħinijiet xierqa;

(ċ) in-nollijiet ta' l-ajru u kondizzjonijiet li jistgħu jiġu kkwotati lill-utenti;

(d) l-effett konġunt tat-trasportaturi ta' l-ajru kollha li joperaw jew li jkollhom il-ħsieb li joperaw fuq ir-rotta.

4. Meta Stat Membru jkun jixtieq jimponi obbligu ta' servizz pubbliku, għandu jikkomunika t-test ta' l-impożizzjoni ta' obbligu ta' servizz pubbliku li tkun qed tiġi kkunsidrata lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri l-oħra konċernati, lill-ajruporti konċernati u lit-trasportaturi ta' l-ajru li joperaw ir-rotta in kwistjoni.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż ta' informazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea:*

(a) li jidentifika ż-żewġ ajruporti konnessi mir-rotta konċernata u punt(i) ta' waqfien intermedji possibbli,

(b) isemmi d-data tad-dħul fis-seħħ ta' l-obbligu ta' servizz pubbliku; u

(ċ) jindika l-indirizz komplut fejn it-test u kull informazzjoni rilevanti u/jew dokumentazzjoni marbuta ma' l-obbligu ta' servizz pubbliku għandha tkun disponibbli mingħajr dewmien u bla ħlas mill-Istat Membru konċernat.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4, fir-rigward tar-rotot fejn in-numru ta' passiġġeri li mistennija jużaw is-servizz ta' l-ajru jkun anqas minn 10 000 fis-sena, l-avviż ta' informazzjoni dwar obbligu ta' servizz pubbliku għandu jiġi pubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea jew fil-ġurnal uffiċjali nazzjonali ta' l-Istat Membru konċernat.

6. Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' obbligu ta' servizz pubbliku m'għandhiex tkun aktar kmieni mid-data tal-pubblikazzjoni l-avviż ta' informazzjoni imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4.

7. Meta jkun ġie impost obbligu ta' servizz pubbliku skond il-paragrafi 1 u 2, it-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju għandu jkun kapaċi joffri bejgħ ta' postijiet biss sakemm is-servizz ta' l-ajru in kwistjoni

▼B

jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' l-obbligu ta' servizz pubbliku. Konsegwentement dak is-servizz bl-ajru għandu jitqies bħala servizz ta' l-ajru skedat.

8. Meta obbligu ta' servizz pubbliku jkun ġie impost skond il-paragrafi 1 u 2, kwalunkwe trasportatur ta' l-arju Komunitarju ieħor għandu fi kwalunkwe ħin ikun permess jibda servizzi ta' l-ajru skedati li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' l-obbligu ta' servizz pubbliku, inkluż il-perijodu ta' operazzjoni li jista' jkun meħtieġ skond il-paragrafu 2.

9. Minkejja l-paragrafu 8, jekk ebda trasportatur ta' l-ajru Komunitarju ma jkun beda jew ma ikun jista' juri li huwa se jibda servizzi ta' l-ajru skedati sostenibbli fuq xi rotta skond l-obbligu ta' servizz pubbliku li jkun ġie impost fuq dik ir-rotta, l-Istat Membru konċernat jista' jillimita l-aċċess għas-servizzi bl-ajru skedati fuq dik ir-rotta għal trasportatur ta' l-ajru Komunitarju wieħed biss, għal perijodu sa erba' snin, u wara dan il-perijodu għandu jkun hemm reviżjoni tas-sitwazzjoni.

Dan il-perijodu jista' jkun sa ħames snin jekk l-obbligu ta' servizz pubbliku ikun impost fuq rotta lejn ajruport li jaqdi wieħed mir-reġjuni l-aktar 'il bogħod, kif jingħad fl-Artikolu 299(2) tat-Trattat.

10. Il-jedd li jiġu operati dawk is-servizzi msemmija fil-paragrafu 9 għandu jiġi offrut permezz ta' offerta pubblika skond l-Artikolu 17, għal rotta waħda jew, f'każi fejn dan ikun ġustifikat għal raġunijiet ta' effiċjenza operattiva, għal grupp ta' rotot bħal dawn, lil kwalunkwe trasportatur ta' l-ajru Komunitarju li jkun intitolat li jopera tali servizzi bl-ajru. Għal raġunijiet ta' effiċjenza amministrattiva, Stat Membru jista' joħroġ sejħa għall-offerti waħda li tkopri rotot differenti.

11. Obbligu ta' servizz pubbliku għandu jitqies li skada jekk l-ebda servizz bl-ajru skedat ma jiġi operat tul perijodu ta' tnax-il xahar fuq ir-rotta suġġetta għal tali obbligu.

12. Fil-każ ta' interruzzjoni għall-għarrieda tas-servizz mit-trasportatur ta' l-ajru Komunitarju magħżul skond l-Artikolu 17, l-Istat Membru konċernat jista', f'każ ta' emerġenza, jagħżel bi ftehim reċiproku trasportatur ta' l-ajru Komunitarju differenti biex jopera l-obbligu ta' servizz pubbliku għal perijodu sa seba' xhur, li ma jistax jiġġedded, taħt il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) kwalunkwe kumpens imħallas mill-Istat Membru għandu jsir b'mod konformi ma' l-Artikolu 17(8);

(b) l-għażla għandha ssir minn fost it-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji b'mod konformi mal-prinċipji tat-trasparenza u n-non-diskriminazzjoni;

(ċ) għandha ssir sejħa ġdida għall-offerti.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri konċernati għandhom jiġu infurmati mingħajr dewmien dwar il-proċedura ta' emerġenza u r-raġunijiet għaliha. Fuq talba ta' Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista', skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2), tissospendi il-proċedura jekk wara l-valutazzjoni tagħha tqis li din ma tkunx tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu jew tkun b'xi mod ieħor kuntrarja għal-liġi Komunitarja.

▼B

Artikolu 17

Proċeduri ta' offerta pubblika għall-obbligu ta' servizz pubbliku

1. L-offerta pubblika meħtieġa fl-Artikolu 16(10) għandha titmexxa skond il-proċedura stipulata fil-paragrafi 2 sa 10 ta' dan l-Artikolu.

2. L-Istat Membru konċernat għandu jikkomunika t-test sħiħ tas-sejħa għall-offerti lill-Kummissjoni ħlief fejn, f'konformità ma' l-Artikolu 16(5), ikun għarraf l-obbligu ta' servizz pubbliku permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż fil-ġurnal uffiċjali nazzjonali tiegħu. F'dak il-każ, is-sejħa għall-offerti għandha wkoll tiġi pubblikata fil-ġurnal uffiċjali nazzjonali.

3. Is-sejħa għall-offerti u l-kuntratt sussegwenti għandhom ikopru, inter alia, il-punti li ġejjin:

(a) l-istandards meħtieġa mill-obbligu ta' servizz pubbliku;

(b) ir-regoli dwar l-emendi u t-tmiem tal-kuntratt, b'mod partikolari biex jitqiesu bidliet li ma setgħux jiġu mbassra;

(ċ) il-perijodu ta' validità tal-kuntratt;

(d) il-penalitajiet fl-eventwalità ta' nuqqas ta' konformità mal-kuntratt;

(e) il-parametri oġġettivi u trasparenti li fuq il-bażi tagħhom għandu jiġi kalkolat il-kumpens, jekk ikun hemm, għall-qadi ta' l-obbligu ta' servizz pubbliku.

4. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf is-sejħa għall-offerti b'avviż ta' informazzjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. L-iskadenza għat-tfigħ ta' l-offerti m'għandhiex tkun aktar kmieni minn xahrejn wara l-jum tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż ta' informazzjoni. Fil-każ li l-offerta tikkonċerna rotta li l-aċċess għaliha kien diġà ġie limitat għal trasportatur wieħed skond l-Artikolu 16(9), is-sejħa għall-offerti tiġi pubblikata mill-inqas sitt xhur qabel il-bidu tal-konċessjoni l-ġdida sabiex tiġi smata l-ħtieġa ta' kontinwata ta' l-aċċess ristrett.

5. L-avviż ta' informazzjoni għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-Istati Membri konċernati;

(b) ir-rotta konċernata;

(ċ) il-perijodu ta' validità tal-kuntratt;

(d) l-indirizz komplut fejn it-test tas-sejħa għall-offerti u kwalunkwe informazzjoni rilevanti u/jew dokumentazzjoni marbuta ma' l-offerta pubblika u ma' l-obbligu ta' servizz pubbliku għandhom ikunu disponibbli mingħajr dewmien u bla ħlas mill-Istat Membru konċernat;

(e) id-data ta' l-għeluq għall-preżentazzjoni ta' l-offerti.

6. L-Istati Membri konċernati għandhom jikkomunikaw mingħar dewmien u bla ħlas kull tagħrif u dokumenti rilevanti mitluba minn xi parti interessata fl-offerta pubblika.

▼B

7. L-għażla minn fost l-offerti għandha ssir kemm jista' jkun malajr filwaqt li jitqiesu l-adegwatezza tas-servizz, inklużi l-prezzijiet u l-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu kwotati lill-utenti, u l-ispiża tal-kumpens meħtieġ mill-Istati Membri konċernati, jekk ikun hemm.

8. L-Istati Membri konċernati jistgħu jikkumpensaw lil trasportatur ta' l-ajru, li jkun magħżul skond il-paragrafu 7, talli jaderixxi ma' l-istandards meħtieġa minn obbligu ta' servizz pubbliku impost taħt l-Artikolu 16. Dak il-kumpens m'għandux jisboq l-ammont meħtieġ biex ikopri l-ispejjeż netti mġarrba fil-qadi ta' kull obbligu ta' servizz pubbliku, filwaqt li jitqies id-dħul relatat miegħu miżmum mit-trasportatur ta' l-ajru u qliegħ raġonevoli.

9. Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata bil-miktub u mingħajr dewmien dwar ir-riżultati ta' l-offerta pubblika u dwar l-għażla mill-Istat Membru u għandha tiġi inkluża l-informazzjoni li ġejja.

(a) in-numri, l-ismijiet u informazzjoni korporattiva ta' min qed jitfa' l-offerta;

(b) l-elementi operattivi fl-offerti;

(ċ) il-kumpens mitlub fl-offerti;

(d) l-isem ta' min ġie magħżul.

10. Fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri jikkomunikaw, fi żmien xahar, id-dokumenti kollha rilevanti marbuta ma' l-għażla ta' trasportatur ta' l-ajru għat-twettiq ta' obbligu ta' servizz pubbliku. Fil-każ li d-dokumenti mitluba ma jiġux komunikati qabel id-data ta' l-għeluq, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tissospendi s-sejħa għall-offerti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2).

Artikolu 18

Eżami ta' l-obbligi ta' servizz pubbliku

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura meħtieġa biex jiżguraw li kull deċiżjoni meħuda taħt l-Artikoli 16 u 17 tkun tista' tiġi riveduta b'mod effettiv u, b'mod partikolari, malajr kemm jista jkun fuq il-bażi li tali deċiżjoni kisret il-liġi Komunitarja jew ir-regoli nazzjonali li jimplimentaw il-liġi Komunitarja.

B'mod partikolari, fuq talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri jikkomunikaw, fi żmien xahrejn:

(a) dokument li jiġġustifika l-ħtieġa ta' l-obbligu ta' servizz pubbliku u l-konformità tiegħu mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 16;

(b) analiżi ta' l-ekonomija tar-reġjun;

(ċ) analiżi tal-proporzjonalità bejn l-obbligazzjonijiet li jkunu qed jiġu kkunsidrati u l-għanijiet ta' żvilupp ekonomiku;

(d) analiżi tas-servizz ta' l-ajru eżistenti, jekk ikun hemm, u ta' modi oħra ta' trasport disponibbli li jistgħu jitqiesu bħala sostituti għall-impożizzjoni maħsuba.

▼B

2. Fuq talba ta' Stat Membru li jikkonsidra li l-iżvilupp ta' rotta ikun qiegħed ikun jiġi indebitament ristrett mit-termini ta' l-Artikoli 16 u 17, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni għandha tagħmel investigazzjoni u, fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi t-talba u skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2), għandha tieħu deċiżjoni abbażi tal-fatturi kollha rilevanti dwar jekk l-Artikoli 16 u 17 għandhomx jibqgħu japplikaw għar-rigward tar-rotta konċernata.

Artikolu 19

Distribuzzjoni tat-traffiku bejn l-ajruporti u l-eżerċizzju ta' drittijiet tat-traffiku

1. L-eżerċizzju ta' drittijiet tat-traffiku għandu jkun suġġett għal regoli operattivi pubblikati Komunitarji, nazzjonali, reġjonali u lokali, li jirriferu għas-sikurezza, is-sigurtà, il-protezzjoni ta' l-ambjent u l-allokazzjoni ta' slots.

2. Stat Membru, wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati inkluż it-trasportaturi ta' l-ajru u l-ajruporti konċernati, jista' jirregola mingħajr dikriminazzjoni fost destinazzjonijiet fil-Komunità jew għal raġunijet ta' nazzjonalità jew ta' l-identità tat-trasportaturi ta' l-ajru, id-distribuzzjoni tat-traffiku ta' l-ajru bejn ajruporti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ajruporti jkunu jaqdu l-istess belt jew konurbazzjoni;

(b) l-ajruporti jkunu moqdija minn infrastruttura adegwata tat-trasport li tipprovdi, sa fejn ikun possibbli, konnessjoni diretta li tagħmilha possibbli li tasal l-ajruport fi żmien disgħin minuta anke, fejn ikun meħtieġ, fuq bażi transkonfinali;

(ċ) l-ajruporti jkunu kollegati ma' xulxin u mal-belt jew konurbazzjoni li jkunu jaqdu b'servizzi tat-trasport pubbliku li jkun frekwenti, affidabbli u effiċjenti; u

(d) l-ajruporti joffru servizzi meħtieġa lit-trasportaturi ta' l-ajru, u ma jippreġudikawx indebitament l-opportunitajiet kummerċjali tagħhom.

Kull deċiżjoni meħuda sabiex tirregola d-distribuzzjoni tat-traffiku ta' l-ajru bejn l-ajruporti konċernati għandha tirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tat-trasparenza, u għandha tiġi bbażata fuq kriteji oġġettivi.

3. L-Istat Membru konċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-ħsieb tiegħu li jirregola d-distribuzzjoni tat-traffiku ta' l-ajru jew li jbiddel regola eżistenti tad-distribuzzjoni tat-traffiku.

Il-Kummissjoni għandha teżamina l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u, fi żmien xahar minn meta tirċievi l-informazzjoni mill-Istat Membru, u skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2), għandha tiddeċiedi jekk l-Istat Membru jistax ikompli japplika l-miżuri.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-deċiżjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u l-miżuri m'għandhomx jiġu applikati qabel il-pubblikazzjoni ta' l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

4. Fir-rigward tar-regoli tad-distribuzzjoni tat-traffiku li jkunu jeżistu fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha, fuq talba ta' Stat Membru u tista' fuq inizjattiva tagħha teżamina

▼B

l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 u, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2), għandha tiddeċiedi jekk l-Istat Membru jistax ikompli japplika l-miżura.

5. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-deċiżjonijiet tagħha meħuda taħt dan l-Artikolu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 20

Miżuri ambjentali

1. Meta jkunu jeżistu problemi ambjentali serji, l-Istat Membru responsabbli jista' jillimita jew jirrifjuta l-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku, b'mod partikolari meta mezzi oħra ta' trasport jipprovdu livelli adegwati ta' servizz. Il-miżura għandha tkun non-diskriminatorja, m'għandhiex iġġib distorsjoni fil-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi ta' l-ajru, m'għandhiex tkun restrittiva aktar milli meħtieġ biex jiġu riżolti l-problemi, u għandha jkollha perijodu limitat ta' validità, li ma jeċċedix it-tliet snin, u wara dan għandha tiġi riveduta.

2. Meta Stat Membru jikkunsidra li hi meħtieġa azzjoni taħt il-paragrafu 1 hu għandu, mill-anqas tliet xhur qabel id-dħul fis-seħħ ta' l-azzjoni, jgħarraf lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni, waqt li jipprovdi ġustifikazzjoni xierqa għall-azzjoni. L-azzjoni tista' tiġi implimentata ħlief jekk fi żmien xahar minn meta tiġi riċevuta l-informazzjoni xi Stat Membru konċernat jikkontesta l-azzjoni jew il-Kummissjoni, skond il-paragrafu 3, tiddeċiedi li teżaminaha ulterjorment.

3. Fuq talba ta' Stat Membru ieħor jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2), tissospendi l-miżuri jekk dawn ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 jew b'xi mod ieħor ikunu kontra l-liġi Komunitarja.

Artikolu 21

Miżuri ta' emerġenza

1. Stat Membru jista' jirrifjuta, jillimita jew jimponi kondizzjonijiet fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku biex jitratta problemi li jinqalgħu għall-għarrieda, għal perijodu ta' żmien qasir, li jirriżultaw minn ċirkostanzi li ma jistgħux jitbassru u li ma jistgħux jiġu evitati. Azzjoni bħal din għandha tirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tat-trasparenza u għandha tiġi bbażata fuq kriterji oġġettivi u non-diskriminatorji.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jiġu infurmati mingħajr dewmien b'dik l-azzjoni flimkien mal-ġustifikazzjoni adegwata tagħha. Jekk il-problemi li jkunu jeħtieġu dik l-azzjoni jkomplu jeżistu għal aktar minn erbatax-il jum, l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan u jista', bil-ftehim tal-Kummissjoni, jtawwal l-azzjoni għal aktar perijodi ta' mhux aktar minn erbatax-il jum.

2. Fuq talba ta' l-Istat jew Stati Membri involuti jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni tista' tissospendi din l-azzjoni jekk din ma tkunx tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 jew tkun mod ieħor kuntrarja għal liġi Komunitarja.

▼M3

Artikolu 21a

Miżuri ta' emerġenza marbuta mal-pandemija tal-COVID-19

1. Minkejja l-Artikolu 21, għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020, l-Istati Membri jistgħu, mingħajr il-ftehim tal-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 21(1), jirrifjutaw, jillimitaw jew jimponu kundizzjonijiet fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku jekk din l-azzjoni tkun meħtieġa sabiex tiġi indirizzata l-pandemija tal-COVID-19. Tali azzjoni għandha tirrispetta l-prinċipji tal-proporzjonalità u tat-trasparenza u għandha tiġi bbażata fuq kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji.

2. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien bit-tali azzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1 u dwar id-durata tagħha, u għandu jipprovdilhom raġunijiet adegwati li jiġġustifikaw il-ħtieġa għal dik l-azzjoni. Jekk l-Istat Membru jimmodifika, jissospendi jew jirtira t-tali azzjoni wara li dan ir-Regolament ikun daħal fis-seħħ, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra kif xieraq.

3. Il-Kummissjoni tista', fuq talba ta' kwalunkwe Stat Membru jew Stati involuti, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, tissospendi l-azzjoni msemmija fil-paragrafu 2 jekk din ma tkunx tissodisfa r-rekwiżiti msemmijin fil-paragrafu 1 jew tkun b'xi mod ieħor kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni.

4. Meta, abbażi tal-aħjar għarfien, evidenza u data xjentifiċi, bħad-data miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, il-Kummissjoni ssib evidenza u data li jikkonfermaw il-persistenza tal-pandemija tal-COVID-19, li r-rifjuti, il-limitazzjonijiet jew l-impożizzjonijiet ta' kundizzjonijiet fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet tat-traffiku mill-Istati Membri x'aktarx ikunu meħtieġa lil hinn mill-perijodu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25a sabiex temenda dan ir-Regolament billi testendi dak il-perijodu kif xieraq.

5. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament is-sitwazzjoni bl-użu tal-kriterji msemmijin fil-paragrafu 4. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' sinteżi dwar din il-kwistjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-15 ta' Novembru 2020. Fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fil-paragrafu 4 malajr kemm jista' jkun.

6. Meta, fil-każ ta' impatt fit-tul tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tat-trasport tal-ajru fl-Unjoni, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 25b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

▼B

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR L-IPPREZZAR

Artikolu 22

Il-libertà ta' l-ipprezzar

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16(1), it-trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji u abbażi ta' reċiproċità, it-trasportaturi ta' l-ajru ta' pajjiżi terżi, għandhom jistabbilixxu nollijiet ta' l-ajru u rati ta' l-ajru għal servizzi ta' l-ajru intra-Komunitarji.

▼B

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim bilaterali bejn l-Istati Membri, l-Istati Membri ma jistgħux jiddiskriminaw fuq bażi tan-nazzjonalità jew ta' l-identità tat-trasportaturi ta' l-ajru billi jippermettu lil trasportaturi ta' l-ajru Komunitarji jistipulaw nollijiet u rati għas-servizzi ta' l-ajru bejn it-territorju tagħhom u pajjiż terz. Kull restrizzjoni li tifdal fuq l-ipprezzar, anke fir-rigward ta' rotot lejn pajjiżi terzi, derivanti minn kull ftehim bilaterali bejn l-Istati Membri hija b'dan imħassra.

Artikolu 23

Informazzjoni u non-diskriminazzjoni

1. In-nollijiet ta' l-ajru u r-rati ta' l-ajru disponibbli għall-pubbliku in ġenerali għandhom jinkludu l-kondizzjonijiet applikabbli meta offruti jew pubblikati taħt kull forma, anke fuq l-Internet, għal servizzi bl-ajru minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għaliħ japplika t-Trattat. Il-prezz finali li għandu jitħallas għandu jkun indikat dejjem u għandu jinkludi n-noll jew ir-rata ta' l-ajru applikabbli kif ukoll it-taxxi kollha applikabbli, u l-ħlasijiet, il-ħlasijiet addizzjonali u l-drittijiet li ma jistgħux jiġu evitati u li jkunu prevedibbli fil-ħin tal-pubblikazzjoni. Minbarra l-indikazzjoni tal-prezz finali, għandu jkun speċifikat għall-inqas dan li ġej:

(a) in-noll ta' l-ajru jew ir-rata ta' l-ajru;

(b) it-taxxi;

(ċ) il-ħlasijiet ta' l-ajruport; u

(d) ħlasijiet, ħlasijiet addizzjonali jew drittijiet oħrajn, bħal dawk marbutin mas-sigurtà jew il-karburant;

fejn il-punti elenkati taħt (b), (c) u (d) jkunu żdiedu man-noll ta' l-ajru jew ir-rata ta' l-ajru. Is-supplimenti tal-prezz fakultattivi għandhom jiġu komunikati b'mod ċar, trasparenti u mingħajr ambigwità fil-bidu ta' kull proċess ta' prenotazzjoni u l-aċċettazzjoni tagħhom mill-klijent għandha tkun fuq bażi "opt-in".

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 16(1), l-aċċess għan-nollijiet ta' l-ajru u r-rati ta' l-ajru għal servizzi bl-ajru minn ajruport li jinsab fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplika t-Trattat, li jkun disponibbli għall-pubbliku ġenerali għandu jingħata mingħajr l-ebda diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità jew tal-post ta' residenza tal-konsumatur jew il-post ta' l-istabbiliment ta' l-aġent tat-trasportatur ta' l-ajru jew ta' xi bejjiegħ iehor tal-biljetti fil-Komunita.

Artikolu 24

Penalitajiet

L-Istati Membri għandhom jiżguraw konformità mar-regoli stabbiliti f'dan il-Kapitolu u għandhom jistabbilixxu penalitajiet għall-ksur tagħhom. Dawk il-penalitajiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

▼M3

KAPITOLU IVa

REGOLI TEMPORANJI DWAR IS-SERVIZZI TAL-GROUNDHANDLING

Artikolu 24a

1. Permezz ta' deroga mill-punt (d) tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE [1],, il-kuntratti tal-forniturі tas-servizzi tal-groundhandling magħżula abbażi tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 11(1) ta' dik id-Direttiva li jiskadu fil-perijodu mit-28 ta' Mejju 2020 sal-31 ta' Diċembru 2021 jew l-awtorizzazzjonijiet mogħtija lilhom jistgħu jiġu estiżi sal-31 ta' Diċembru 2022.

2. Permezz ta' deroga mill-punt (e) tal-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 96/67/KE,, għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020, meta fornitur tas-servizzi tal-groundhandling iwaqqaf l-attività tiegħu qabel tmiem il-perijodu li għalih jkun intgħażel, il-korp ta' amministrazzjoni tal-ajruport jew l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, tista' tagħżel fornitur tas-servizzi tal-groundhandling direttament biex jipprovdi s-servizzi għal perijodu massimu ta' sitt xhur jew għal perijodu sal-31 ta' Diċembru 2020, skont liema jkun l-itwal.

3. Meta l-Kummissjoni tara, abbażi tad-data ppubblikata mill-Eurocontrol, li t-tnaqqis fil-livell tat-traffiku tal-ajru, meta mqabbel mal-livell fil-perijodu korrispondenti fl-2019, qed jippersisti u x'aktarx ikun ser ikompli jippersisti, li din is-sitwazzjoni hija r-riżultat tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19, u li tirriżulta fl-interruzzjoni tal-forniment tas-servizzi tal-groundhandling jew f'diffikultajiet fl-aċċess għal finanzjament għall-forniturі tas-servizzi tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 25a biex temenda dan ir-Regolament billi testendi l-perijodi msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu kif xieraq.

4. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja kontinwament is-sitwazzjoni bl-użu tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli għaliha, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' sinteżi dwar din il-kwistjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-15 ta' Novembru 2020. Meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat previst fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun.

5. Meta, fil-każ ta' impatt fit-tul tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tat-trasport tal-ajru fl-Unjoni, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jkunu jirrikjedu dan, il-proċedura prevista fl-Artikolu 25b għandha tapplika għall-atti delegati adottati skont dan l-Artikolu.

▼B

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 25

Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat.

[1] Id-Direttiva tal-Kunsill 96/67/KE tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità (ĠU L 272, 25.10.1996, p. 36).

▼B

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▼M3

Artikolu 25a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 9(1b), 21a(4) u 24a(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' sena mit-28 ta' Mejju 2020.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 9(1b), 21a(4) u 24a(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 9(1b), 21a(4) and 24a(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 25b

Proċedura ta' urġenza

1. L-atti delegati adottati taħt dan l-Artikolu għandhom jidħlu fis-seħħ mingħajr dewmien u għandhom japplikaw sakemm ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni skont il-paragrafu 2. In-notifika ta' att delegat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għandha tagħti r-raġunijiet li għalihom tkun intużat il-proċedura ta' urġenza.

2. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 25a. F'dak il-każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att immedjatament wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

▼B

Artikolu 26

Il-koperazzjoni u d-dritt għall-kisba ta' l-informazzjoni

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkoperaw fl-applikazzjoni u fil-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. Sabiex twettaq id-dmirijiet tagħha taħt dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' tikseb l-informazzjoni kollha meħtieġa mill-Istati Membri, li għandhom jiffaċilitaw ukoll l-għoti ta' l-informazzjoni mit-trasportaturi ta' l-ajru liċenzjati mill-awtoritajiet tal-liċenzji kompetenti tagħhom

3. L-Istati Membri għandhom, skond il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jiżguraw kunfidenzjalità xierqa ta' l-informazzjoni riċevuta minnhom skond dan ir-Regolament.

Artikolu 27

Tħassir

Ir-Regolamenti (KEE) Nru 1226/92 u (KE) Nru 2479/92 għandhom jiġu mħassra.

Ir-referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 28

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS 1

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TINGĦATA SKOND L-ARTIKOLI 5 U 8

1. Informazzjoni li għandha tingħata għal min qed japplika għall-ewwel darba minn perspettiva ta' saħħa finanzjarja.

1.1. Il-kontijiet amministrattivi interni l-aktar riċenti u, jekk disponibbli, kontijiet verifikati għas-sena finanzjarja ta' qabel.

1.2. Karta tal-bilanċ proġettata, inkluż il-kont tal-qligħ u tat-telf, għat-tliet snin ta' wara.

1.3. Il-bażi għall-infiq proġettat u ċ-ċifri ta' dħul dwar oġġetti bħal karburant, nollijiet u rati, salarji, manutenzjoni, deprezzament, it-tibdil fir-rata tal-kambju, il-ħlasijiet ta' l-ajruport, il-ħlasijiet tan-navigazzjoni ta' l-ajru, l-ispejjez tal-ground handling, assigurazzjoni, eċċ. It-tbassir tat-traffiku/dħul.

1.4. Dettalji dwar l-ispejjez tal-bidu li jkunu saru fil-perijodu mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni sal-bidu ta' l-operazzjonijiet u spjega tal-proposta dwar l-iffinanzjar ta' dawn l-ispejjeż.

1.5. Dettalji ta' sorsi ta' finanzi eżistenti u proġettati.

1.6. Dettalji ta' l-azzjonisti, inkluż in-nazzjonalità u t-tip ta' sehem li għandu jinżamm, u l-Artikoli ta' l-Assoċjazzjoni. Jekk parti minn grupp ta' impriżi, informazzjoni dwar ir-relazzjoni ta' bejniethom.

1.7. Dikjarazzjonijiet tal-fluss proġettat ta' kontanti u pjanijiet ta' likwidità għall-ewwel tliet snin ta' ħidma.

1.8. Dettalji tal-finanzjament tax-xiri/kiri ta' inġenji ta' l-ajru inklużi, fil-każ ta' kiri, it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt.

2. Informazzjoni li għandha tingħata għall-istima tas-saħħa finanzjarja kontinwa ta' detenturi ta' liċenzji eżistenti li jkunu qed jippjanaw bidla fl-istrutturi tagħhom jew fl-attivitajiet tagħhom b'kull piż sinifikanti fuq il-finanzi tagħhom.

2.1. Jekk meħtieġ, il-karta tal-bilanċ ta' l-amministrazzjoni interna l-aktar riċenti u kontijiet verifikati għas-sena finanzjarja ta' qabel.

2.2. Dettalji preċiżi ta' kull tibdil propost eż. bidla fit-tip ta' servizz, akkwiżizzjoni jew merġer, modifiki fil-kapital ta' l-ishma, tibdil fl-azzjonisti, eċċ.

2.3. Karta tal-bilanċ proġettata, b'kont tal-qligħ u tat-telf, għas-sena finanzjarja kurrenti, inkluż kull tibdila proposta fl-istruttura jew fl-attivitajiet li jkollhom piż sinifikanti fuq il-finanzi.

2.4. Infiq passat u proġettat u ċifri tad-dħul dwar oġġetti bħal karburanti, nollijiet u rati, salarji, manutenzjoni, deprezzament, it-tibdil fir-rati tal-kambju, il-ħlasijiet ta' l-ajruport, il-ħlasijiet tan-navigazzjoni ta' l-ajru, l-ispejjez tal-ground handling, assigurazzjoni, eċċ. It-tbassir tat-traffiku/dħul.

2.5. Dikjarazzjoni tal-fluss tal-kontanti u pjanijiet ta' likwidità għas-sena ta' wara, inkluż kull tibdil propost fl-istruttura jew fl-attività li jkunu ta' piż sinifikanti fuq il-finanzi.

▼B

2.6. Dettalji tal-finanzjament tax-xiri/kiri ta' inġenji ta' l-ajru inklużi, fil-każ ta' kiri, it-termini u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt.

3. Informazzjoni li għandha tingħata għal stima tas-saħħa finanzjarja kontinwa tad-detenturi ta' liċenzja eżistenti

3.1. Kontijiet verifikati mhux aktar minn sitt xhur wara l-aħħar ġurnata tas-sena finanzjarja rilevanti, ħlief jekk jingħad xort'oħra fil-liġi nazzjonali u, jekk meħtieġ, il-karta tal-bilanċ ta' l-*amministrazzjoni* interna l-aktar riċenti.

3.2. Karta tal-bilanċ proġettata, inkluż kont tal-qligħ u tat-telf, għas-sena ta' wara.

3.3. Infiq passat u proġettat u ċifri tad-dħul dwar oġġetti bħal karburanti, nollijiet u rati, salarji, manutenzjoni, deprezzament, it-tibdil fir-rati tal-kambju, il-ħlasijiet ta' l-ajruport, il-ħlasijiet tan-navigazzjoni ta' l-ajru, l-ispejjez tal-ground handling assigurazzjoni, eċċ. It-tbassir tat-traffiku/dħul.

3.4. Dikjarazzjoni tal-fluss tal-kontanti u pjanijiet ta' likwidità għas-sena ta' wara.

▼B

ANNESS II

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

(Imsemmija fl-Artikolu 27)

Regolament (KEE) 2407/92	Dan ir-Regolament
Artikolu 1(1)	Artikolu 1
Artikolu 1(2)	Artikolu 3(3)
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3(1)	Artikolu 3(2)
Artikolu 3(2)	Artikolu 3(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 3(3)	Artikolu 3(1), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 4(1)	Artikolu 4
Artikolu 4(2)	Artikolu 4 (f)
Artikolu 4(3)	—
Artikolu 4(4)	Artikolu 4 (f)
Artikolu 4(5)	Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu
Artikolu 5(1)	Artikolu 5(1)
Artikolu 5(2)	Artikolu 5(2)
Artikolu 5(3)	Artikolu 8(5)
Artikolu 5(4)	Artikolu 8(6)
Artikolu 5(5)	Artikolu 9(1)
Artikolu 5(6)	Artikolu 8(4)
Artikolu 5(7)	Artikoli 5(3) u 8(8)
Artikolu 6	Artikolu 7
Artikolu 7	Artikolu 11
Artikolu 8(1)	Artikolu 4(c)
Artikolu 8(2)	Artikolu 12(1)
Artikolu 8(3)	Artikolu 13(2) u (3)
Artikolu 8(4)	Artikolu 12(2)
Artikolu 9	Artikolu 6
Artikolu 10(1)	Artikolu 13(2) u (3)
Artikolu 10(2)	Artikolu 13(2) u (3)
Artikolu 11(1)	Artikolu 8(1)
Artikolu 11(2)	Artikolu 8(3)
Artikolu 11(3)	Artikolu 8(7)

▼B

Regolament (KEE) 2407/92	Dan ir-Regolament
Artikolu 12	Artikoli 9(2) sa (6)
Artikolu 13(1)	Artikolu 10(2)
Artikolu 13(2)	Artikolu 10(1)
Artikolu 13(3)	—
Artikolu 13(4)	Artikolu 10(3)
Artikolu 14	—
Artikolu 15	—
Artikolu 16	—
Artikolu 17	—
Artikolu 18(1)	Artikolu 26(1)
Artikolu 18(2)	Artikolu 26(3)
Artikolu 19	—
ANNESS	ANNESS I

Regolament (KEE) 2408/92	Dan ir-Regolament
Artikolu 1(1)	Artikolu 1
Artikolu 1(2)	Artikolu 1(2)
Artikolu 1(3)	—
Artikolu 1(4)	—
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3(1)	Artikolu 15(1) u (2)
Artikolu 3(2)	—
Artikolu 3(3)	—
Artikolu 3(4)	—
Artikolu 4(1)(a)	Artikolu 16(1)
Artikolu 4 (1)(b)	Artikolu 16(3)
Artikolu 4(1)(c)	Artikolu 16(2)
Artikolu 4(1)(d)	Artikolu 16(9)
—	Artikolu 17(1)
—	Artikolu 17(2)
—	Artikolu 17(4)
—	Artikolu 17(5)
—	Artikolu 17(6)
Artikolu 4(1)(e)	Artikolu 17(3)
Artikolu 4(1)(f)	Artikolu 17(7)
Artikolu 4(1)(g)	—
—	Artikolu 17(8)
—	Artikolu 17(9)
—	Artikolu 17(10)
Artikolu 4(1)(i)	Artikolu 18(1)
Artikolu 4(1)(j)	Artikolu 16(7)

▼B

Regolament (KEE) 2408/92	Dan ir-Regolament
Artikolu 4(1)(k)	—
Artikolu 4(2)	—
Artikolu 4(3)	Artikolu 18(2)
Artikolu 4(4)	—
Artikolu 5	—
Artikolu 6(1) u 6(2)	—
Artikolu 7	Artikolu 15(4) u (5)
Artikolu 8(1)	Artikolu 19(2)
Artikolu 8(2)	Artikolu 19(1)
Artikolu 8(3)	Artikolu 19(3)
Artikolu 8(4)	—
Artikolu 8(5)	—
Artikolu 9(1)	Artikolu 20(1)
Artikolu 9(2)	Artikolu 20(1)
Artikolu 9(3)	Artikolu 20(2)
Artikolu 9(4)	Artikolu 20(3)
Artikolu 9(5)	Artikolu 22(1)
Artikolu 9(6)	Artikolu 22(2)
Artikolu 9(7)	—
Artikolu 9(8)	—
Artikolu 10	—
Artikolu 11	Artikolu 25
Artikolu 12(1)	Artikolu 26(2)
Artikolu 12(2)	—
Artikolu 13	—
Artikolu 14(1)	Artikolu 26(1)
Artikolu 14(2)	Artikolu 26(3)
Artikolu 15	—
Artikolu 16	—
ANNESS I	—
ANNESS II	—
ANNESS III	—
—	ANNESS II

Regolament (KEE) 2409/92	Dan ir-Regolament
Artikolu 1(1)	Artikolu 1
Artikolu 1(2)	Artikolu 21(1)
Artikolu 1(3)	—
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	—
Artikolu 4	Artikolu 23
Artikolu 5(1)	Artikolu 22

▼B

Regolament (KEE) 2409/92	Dan ir-Regolament
Artikolu 5(2)	—
Artikolu 5(3)	—
Artikolu 5(4)	—
Artikolu 6	—
Artikolu 7	—
Artikolu 8	—
Artikolu 9	—
Artikolu 10(1)	Artikolu 26(1)
Artikolu 10(2)	Artikolu 26(3)
Artikolu 11	—
Artikolu 12	—
—	Artikolu 27
—	Artikolu 28